MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 6/2012

**Sephora Mifsud**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Frar 2012 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Ra l-appell.*

*Ra r-risposta.*

*Ikkunsidra*

*Illi b'ittra datata 25 ta' Awwissu 2010, l-appellanti ġiet mitluba tirrifondi s-somma ta' €278.72 bħala Children's Allowance għall-perjodu 6 ta' Frar 2010 sa 16 ta' April 2010 billi ma kenitx qed tifforma familja għar-rasha*

*Illi hija interponiet l-appell tagħha b'ittra datata 7 ta' Settembru 2010. Illi d-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 11 ta' Marzu 2011.*

*Meta saret spezzjoni mill-Ispetturi ta' Direttorat ta' Kontra l-Frodi u l-Invesitgazzjoni fl-indirizz minnha dikjarat sabu abbiljament u aċċessorji tas-sieħeb tagħha. L-iskuża kienet li kien imur spiss hemm u anke jqatta xi ġranet. B'dan il-kambjament hija ma informatx lid-Dipartiment billi ovvjament kien jaffetwa l-introjtu tagħha tal-benefiċċju.*

*L-appell qed jiġi miċħud."*

Ir-rikorrenti Sephora Mifsud appellat minn din id-decizjoni bl-ilment illi l-Arbitru iddeċieda fuq bażi erroneja li ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jiksru d-definizzjoni ta' familja u/jew kap tal-familja ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta mentri a kuntrarju ta' dak li ġie deċiż iċ-ċirkostanzi tal-kaz jimmilitaw b'mod ċar lejn il-fatt li l-appellanti ma kenitx effettivament qiegħda tabita ma' xi ħadd ieħor bħala familja ai termini tal-Kapitolu 318 u għalhekk hi weħedha kienet il-kap tal-familja.

Ri-epilogati fil-qosor il-fatti ewlenin kienu dawn li gejjin:-

L-appellanti kienet ir-recipjenti ta' Children's Allowance li giet imwaqqfa lilha mid-Direttur b'avviz tad-25 ta' Awwissu 2010 Ir-raguni moghtija kienet li d-Direttur irriżultalu illi l-appellanti ma kienetx qed tifforma familja ghal rasha;

Evidentement, din l-istess raguni kienet impernjata fuq ir-Rapport Investigattiv tad-Direttorat Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjonijiet, u li minnu gie determinat illi:-

i. L-appellanti kienet qed tabita flimkien maż-żewġt itfal tagħha Leander u Rohanne f'35 Our Dream Triq it-Tramm Ħamrun.

ii. Gie kkonstatat illi l-ex raġel tal-appellanti u hija żammew relazzjoni tajba u dan ta'spiss kien imur jara lit-tfal filgħodu.

iii. Illi fil-*box room* kien hemm ammont sostanzjali ta' żraben ta' raġel merfugħha fuq xkaffar. L-appellanti di fatti ammettiet mal-ispetturi li

> kkonducew l-ispezzjoni illi dawk kienu jappartjenu lis-sieħeb tagħha Alan Calafato u hija ammettiet ukoll illi s-sieħeb tagħha kien jgħix magħha f'dak l-indirizz *on and off*. Anke fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda kien hemm numru ta' ħwejjeġ tal-irġiel, liema ħwejjeġ kienu jkopru l-istaġuni kollha li l-appellanti stqarret mal-investigaturi illi kienu jappartjenu lil Alan Calafato.

Jibda biex jigi notat illi fid-decizjoni tieghu tad-29 ta' Marzu 2010, id-Direttur illimita ruhu ghal motiv singolari illi l-appellanti ma kienetx qed tifforma familja ghal rasha, u b'hekk ikkonkluda illi hija ma għadiex aktar intitolata għac-Children's Allowance. Kien biss fit-twegiba ghall-appell introdott mill-appellanti illi d-Direttur osserva illi l-appellanti naqset milli tgharraf lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkostanzi taghha ai termini tal-artikolu 97(1)(b) ta'l-Att. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiddeċiedi biss fuq il-punt jekk id-Direttur, u sussegwentament l-Arbitru, kellhomx raġun jikkonkludu illi l-appellanti ma kenitx qiegħda tifforma familja għal rasha, u mhux ser tidhol biex tanalizza jekk inkisirx il-provvediment tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex kien biss l-artikolu 2 illi ifforma l-bażi tad-deċiżjoni appellata.

Dwar it-tifsira tal-familja, ġie osservat:

*"l-espressjoni familja skond kif definita tiddenota ko-abitazzjoni. Kien imbaghad jiddependi mill-apprezzament tac-cirkostanzi fattwali dwar min fost il-membri ta' dik il-familja kellu jitqies bhala l-kap taghha. Minn dan jitnissel illi hekk kif il-ligi titlaq mill-presunzjoni illi tnejn minn nies li jikkoabitaw flimkien*

*taht l-istess saqaf jikkostitwixxu familja, anke jekk dawn ma jkunux wkoll mizzewga, id-determinazzjoni ta' min hu l-kap fosthom fi hdan din il-familja hi mhollija, skond it-test tad-definizzjoni, "fl-opinjoni tad-Direttur";* **Appell Civili Numru. 3/2006 Joan Orsini vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**

Izda gie ritenut ukoll illi "*it-tifsira li l-legislatur ried jaghti lill-kelma "familja" hi dik singolari u specjali marbuta ma' l-element tal-ko-abitazzjoni biss."* **Appell Civili Numru. 3/2005 Rita Cauchi vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**

Fir-rapport investigattiv tagħhom, l-ispetturi td-Direttorat ikkonkludew illi l-appellanti Sephora Mifsud kienet qiegħda tifforma familja waħda mas-sieħeb tagħha Alan Calafato, u rrakmandaw illi l-allowance ghat-tfal jitwaqqfilha.

In linea mal-insenjament ġuridiku hawn fuq kwotat, l-ewwel eżerċizzju illi sejra tagħmel din il-Qorti huwa illi tara jekk l-appellanti kenitx fil-fatt qiegħda tikkoabita mas-sieħeb tagħha Alan Calafato jew jekk kenitx ghadha fil-fatt tifforma familja għar-rasha, rekwiżit illi intitolaha tibda tippercepixxi l-allowance ghat-tfal ai termini tal-Kapitolu 318. Illi l-provi kollha li hemm fl-atti u li fuqhom l-Arbitru ibbaza d-decizjoni tieghu kienu jikkonsistu fir-rizultanzi ta' żewġ żjarat illi għamlu l-ispetturi investigattivi fl-4 ta' Frar u fis-6 ta' Frar 2010 fil-fond residenzjali tal-appellanti. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi fil-fond ma kienx prezenti f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet dan Alan Calafato is-sieheb ta'l-appellanti u li mieghu hija allegatament kienet qed tifforma familja. Din il-konkluzjoni giet imsejsa unikament fuq il-fatt illi fil-fond tal-appellanta instab 'ammont kbir ta' żraben' u ammont kbir ta' ħwejjeġ li ikopru l-istaguni kollha u

abbiljament intimu appartenenti lill-istess Calafato u dan sahansitra fil-kamra tas-sodda principali. Sahansitra fil-kamra tal-banju *en suite* ma' din il-kamra instabu it-*toiletries* appartenenti lil persuna tas-sess maskili. In oltre, l-appellanti kienet ammettiet mal-Ispetturi Investigattivi illi dawn l-oggetti kienu jappartjenu lil Alan Calafato li kien jgħix magħha fl-indirizz 35 Our Dream Triq it-Tramm Ħamrun fuq bażi *on and off*.

Din il-Qorti għamlet rieżami tal-provi u tosserva illi l-ammissjoni maghmula mill-appellanti illi s-sieheb taghha kien ighix fl-istess residenza hija ir-regina tal-provi kollha, anke jekk hija tghid konvenjentement illi dan kien ighix hemmhekk fuq bazi irregolari. Bizzejjed wiehed ifakkar hawn illi, kif deciz, skond il-ligi tal-procedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u bizzejjed biex il-kaz jinghalaq. (Ara "**Carmelo Bonnici *nomine* -vs- Ronald Farrugia *et***", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970). Abbinata ma' din il-prova kardinali hemm ukoll il-provi l-ohra indikattivi u cirkostanzjali li jindikaw illi fir-residenza tassew kien jabita ragel iehor tant illi kien hemm l-affarijiet personali kollha tieghu fosthom il-hwejjeg u iz-zraben. Illi fi stadju ta' appell l-appellanti tghid illi dawn l-oggetti personali ta' Calafato kienu jinzammu ghandha biss ghal ragunijiet ta' "*storage*". Illi l-Qorti dan ma temmnux u tqies illi din hija skuza konvenjenti sabiex tahrab mill-effetti tad-decizjoni tad-Direttur, bhal kif lanqas ma temmen illi it-*toiletries* li kien hemm fil-kamra tal-banju jappartjenu lill-ex ragel taghha, kif tghid lill-Ispetturi, jew lil binha, kif imbaghad issostni fi stadju ta' appell. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi ghandha titbieghed mir-ragunament maghmul mill-Arbitru li fuq kollox kellu l-opportunita li jisma' il-provi *viva voce* u ghalhekk seta' kien f'posizzjoni ahjar li jgharbel l-istess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------